

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2019/1722****tal-14 ta' Ottubru 2019****li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1544 tal-15 ta' Ottubru 2018 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Ġholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Ottubru 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544.
- (2) Id-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 tapplika sas-16 ta' Ottubru 2019. Abbażi ta' rieżami ta' dik id-Deċiżjoni, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi stabbiliti fiha jiġu estiżi sas-16 ta' Ottubru 2020.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 8*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sas-16 ta' Ottubru 2020. Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Għandha tiġi mġedda, jew emendata kif xieraq, jekk il-Kunsill iqis li l-oġjettivi tagħha ma jkunux intlaħqu."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-14 ta' Ottubru 2019.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
F. MOGHERINI

<sup>(1)</sup> ĠU L 259, 16.10.2018, p. 25.